



Brussell, 25 ta' Novembru 2022  
(OR. en)

14975/22

---

Fajl Interistituzzjonal:  
2021/0176(COD)

---

CODEC 1779  
PECHE 469  
PE 133

## NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġeneral tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 f'dak li għandu x'jaqsam mar-restrizzjonijiet għall-aċċess għall-ilmijiet tal-Unjoni - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mill-21 sal-24 ta' Novembru 2022)

## I. INTRODUZZJONI

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u d-Dikjarazzjoni konguна dwar arrangiamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni<sup>1</sup>, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim dwar dan il-fajl fl-ewwel qari.

F'dan il-kuntest, ir-rapporteur, is-Sur Pierre KARLESKIND (RE, FR), ressaq fisem il-Kumitat għas-Sajd (PECH) emenda ta' kompromess (l-emenda numru 9) għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq u żewġ emendi (l-emendi numri 10 u 11) għar-riżoluzzjoni leġiż-lattiva li fiha dikjarazzjonijiet. Dawn l-emendi kien intlaħaq ftehim dwarhom matul il-kuntatti informali msemmija hawn fuq. Ma tressqet ebda emenda oħra.

<sup>1</sup> ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5.

## II. VOT

Meta vvotat fit-22 ta' Novembru 2022, il-plenarja adottat l-emenda ta' kompromess (l-emenda numru 9) għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq kif ukoll l-emendi 10 u 11 għar-riżoluzzjoni leġiżlattiva. Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emedata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu kif stipulata fl-Anness għal dan id-dokument<sup>2</sup>.

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li kien intlaħaq ftehim dwaru preċedentement bejn l-istituzzjonijiet. Il-Kunsill għandu għalhekk ikun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

---

<sup>2</sup> Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-riżoluzzjoni leġiżlattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet għat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'*tipa grassa u bil-korsiv*. Is-simbolu "█" jindika test imħassar.

P9\_TA(2022)0395

**Politika komuni tas-sajd (PKS): restrizzjonijiet għall-aċċess għall-ilmijiet tal-Unjoni**

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Novembru 2022 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 f'dak li għandu x'jaqsam mar-restrizzjonijiet għall-aċċess għall-ilmijiet tal-Unjoni (COM(2021)0356 – C9-0254/2021 – 2021/0176(COD))

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2021)0356),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0254/2021),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-22 ta' Settembru 2021<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsab bli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħi u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-12 ta' Ottubru 2022, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħi,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp Regionali,
  - wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A9-0206/2022),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Japrova d-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament u tal-Kummissjoni anness ma' din ir-riżoluzzjoni, li se jiġu ppubblikati fis-serje C ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;
  3. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni annessi ma' din ir-riżoluzzjoni, li se jiġu

<sup>1</sup> ĠU C 517, 22.12.2021, p. 123.

ppubblikati fis-serje C ta' Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

4. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-22 ta' Novembru 2022 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2022/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1380/2013 | fir-rigward tar-restrizzjonijiet għall-aċċess għall-ilmijiet tal-Unjoni**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>1</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja<sup>2</sup>,

---

<sup>1</sup> ĠU C 517, 22.12.2021, p. 123.

<sup>2</sup> Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Novembru 2022.

Billi:

- (1) Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom aċċess indaqs għall-ilmijiet u r-riżorsi tal-Unjoni soġġett għar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (**PKS**).
- (2) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup> jipprevedi derogi għar-regola dwar l-aċċess indaqs.
- (3) F'konformità ma' dak ir-Regolament, l-Istati Membri huma awtorizzati jillimitaw is-sajd għall-bastimenti tas-sajd li jistadu tradizzjonalment f'dawk l-ilmijiet minn portijiet fuq il-kosta maġenb sa 12-il mil nawtiku mil-linji bażi tagħhom.
- (4) L-Istati Membri huma awtorizzati wkoll jillimitaw l-aċċess għall-ilmijiet sa 100 mil nawtiku mil-linji bażi tar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni msemmijin fl-*Artikolu 349*, l-ewwel paragrafu █, tat-Trattat **dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)** għall-bastimenti li jkunu rreġistrati fil-portijiet ta' dawk ir-reġjuni.
- (5) Ir-regoli eżistenti li jillimitaw l-aċċess għar-riżorsi fi ħdan iż-żoni ta' 12-il mil nawtiku tal-Istati Membri kienu ta' benefiċċju għall-konservazzjoni billi llimitaw l-isforz tas-sajd fl-iż-żed part sensitiva tal-ilmijiet tal-Unjoni. Dawk ir-regoli ppreservaw ukoll l-attivitàajiet tradizzjonal tas-sajd li minnhom jiddependi ġafna l-iżvilupp soċjali u ekonomiku ta' ċerti komunitajiet kostali.

---

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

- (6) Ir-regoli eżistenti li jirrestrinġu l-aċċess għar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar madwar ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni msemmjien | fl-Artikolu 349, l-ewwel paragrafu, **TFUE** għenu biex ippreservaw l-ekonomija lokali ta' dawk ir-reġjuni, filwaqt li jqisu s-sitwazzjoni strutturali, soċjali u ekonomika tagħhom.
- (7) Id-derogi eżistenti li jikkonċernaw ir-restrizzjonijiet għall-aċċess għall-il-mijiet tal-Unjoni ser jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2022. Madankollu jenħtieġ li dawk id-derogi jiġġeddu għal perjodu ta' għaxar snin lil hinn minn dik id-data, sabiex tkun żgurata l-kontinwità tal-miżuri ta' protezzjoni attwali u biex ikun evitat it-tfixxil tal-bilanċ li nkiseb minn meta ġie introdott dan ir-reġim speċjali. *Dawk id-derogi huma parti integrali mill-PKS u t-tul ta' żmien u l-ambitu ta' dik l-estensjoni jistgħu jiġi riveduti fil-qafas ta' kwalunkwe rieżami tal-PKS.*
- (8) *F'konformità mal-Artikolu 510 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħħa l-oħra<sup>4</sup>, rieżami tal-implementazzjoni tal-Ħames Intestatura ta' dak il-Ftehim, inkluż tad-dispożizzjonijiet fir-rigward tal-aċċess għall-il-mijiet, jenħtieġ li jitwettaq erba' snin wara tmiem il-perjodu ta' aġġustament, li jintemm fit-30 ta' Ġunju 2026.*

<sup>4</sup> *ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10.*

- (9) *Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tar-regoli ġenerali dwar l-aċċess għall-ilmijiet imsemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 qabel l-iskadenza tad-derogi. Dak ir-rapport jenħtieġ li jiġi ppreżentat sat-30 ta' Ġunju 2031.*
- (10) L-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jenħtieġ li jiġi emendat wara l-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea. *Jenħtieġ ukoll li dak l-Anness jiġi emendat* wara talba konġunta mill-Italja u l-Greċja rigward l-aċċess ta' bastimenti tas-sajd Taljani għaż-żona ta' bejn **6 u 12-il mil nawtiku tal-ilmijiet territorjali Griegi fil-Baħar Jonju u proposta mill-Greċja għal aċċess ta' bastiment tas-sajd Taljani għaż-żona ta' 6 sa 12-il mil nawtiku taż-żona ekonomika esklużiva tal-Greċja (ŻEE), f'konformità mal-Anness għal dan ir-Regolament.**
- (11) Għaldaqstant jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) ***l-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:***

***(a) fil-paragrafi*** (2), (3) u (4), id-data "31 ta' Diċembru 2022" hija sostitwita bid-data "31 ta' Diċembru 2032";

***(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:***

***"5. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu sat-30 ta' Ġunju 2031."***

(2) l-Anness I huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikkazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċċali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha mill-1 ta' Jannar 2023.

Magħmul fi █,

*Għall-Parlament Ewropew*

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

*Il-President*

*ANNESS*

*"ANNESS I*

***AĊĊESS GĦALL-ILMIJIET KOSTALI FIT-TIFSIRA TAL-ARTIKOLU 5(2)***

**1. *Ilmijiet kostali tal-Irlanda***

**(a) *AĊĊESS GĦAL FRANZA***

<i>Żona ġeografika</i>	<i>Speċijiet</i>	<i>Importanza jew karatteristiċi partikolari</i>
<i>Kosta tal-Irlanda (6 sa 12-il mil nawtiku)</i>		
<i>1. Erris-Head Majjistral Sybil Point Punent</i>	<i>Sajd tal-qiegħ</i>	<i>Bla limitu</i>
	<i>Skampi</i>	<i>Bla limitu</i>
<i>2. Mizen Head Nofsinhar Stags Nofsinhar</i>	<i>Sajd tal-qiegħ</i>	<i>Bla limitu</i>
	<i>Skampi</i>	<i>Bla limitu</i>
	<i>Kavalli</i>	<i>Bla limitu</i>
<i>3. Stags Nofsinhar Cork Nofsinhar</i>	<i>Sajd tal-qiegħ</i>	<i>Bla limitu</i>
	<i>Skampi</i>	<i>Bla limitu</i>
	<i>Kavalli</i>	<i>Bla limitu</i>
	<i>Aringa</i>	<i>Bla limitu</i>
<i>4. Cork Nofsinhar, Carnsore Point Nofsinhar</i>	<i>L-ispeċijiet kollha</i>	<i>Bla limitu</i>
<i>5. Carnsore Point Nofsinhar, Haulbowline Xlokk</i>	<i>L-ispeċijiet kollha, ħlief frott il-baħar bil-qoxra</i>	<i>Bla limitu</i>

**(b) AÇÇESS GĦAN-NETHERLANDS**

<i>Żona ġeografika</i>	<i>Speċijiet</i>	<i>Importanza jew karatteristiki partikolari</i>
<i>Kosta Irlandiża (6 sa 12-il mil)</i>		
<i>1. Stags Nofsinhar</i>	<i>Aringa</i>	<i>Bla limitu</i>
	<i>Kavalli</i>	<i>Bla limitu</i>

**(c) AÇÇESS GĦALL-ĠERMANJA**

<i>Żona ġeografika</i>	<i>Speċijiet</i>	<i>Importanza jew karatteristiki partikolari</i>
<i>Kosta tal-Irlanda (6 sa 12-il mil nawtiku)</i>		
<i>1. Old Head of Kinsale Nofsinhar Carnsore Point Nofsinhar</i>	<i>Aringa</i>	<i>Bla limitu</i>
<i>2. Cork Nofsinhar Carnsore Point Nofsinhar</i>	<i>Kavalli</i>	<i>Bla limitu</i>

*(d) AĊĊESS GĦALL-BELĠJU*

<i>Żona ġeografika</i>	<i>Speċijiet</i>	<i>Importanza jew karatteristiki partikolari</i>
<i>Kosta tal-Irlanda (6 sa 12-il mil nawtiku)</i>		
<b>1. Cork Nofsinhar</b> <i>Carnsore Point Nofsinhar</i>	<i>Sajd tal-qiegħ</i>	<i>Bla limitu</i>
<b>2. Wicklow Head Lvant Carlingford Lough Xlokk</b>	<i>Sajd tal-qiegħ</i>	<i>Bla limitu</i>

*2. L-ilmiġiet kostali tal-Belġju*

<i>Żona ġeografika</i>	<i>Stat Membru</i>	<i>Speċijiet</i>	<i>Importanza jew karatteristiki partikolari</i>
<i>minn 3 sa 12-il mil nawtiku</i>	<i>In-Netherlands</i>	<i>L-ispeċijiet kollha</i>	<i>Bla limitu</i>
	<i>Franza</i>	<i>Aringa</i>	<i>Bla limitu</i>

3. *L-il mijiet kostali tad-Danimarka*

<i>Żona ġeografika</i>	<i>Stat Membru</i>	<i>Speċijiet</i>	<i>Importanza jew karatteristiċi partikolari</i>
<i>Il-kosta tal-Baħar tat-Tramuntana (il-fruntiera Daniża/Ġermaniża sa Hanstholm) (6 sa 12-il mil nawtiku)</i>			
<i>Il-fruntiera Daniża/Ġermaniża sa Blåvands Ħuk</i>	<i>Il-Ġermanja</i>	<i>Pixxiċatt</i>	<i>Bla limitu</i>
		<i>Gambli u gambli kbar (prawns)</i>	<i>Bla limitu</i>
	<i>In- Netherlands</i>	<i>Pixxiċatt</i>	<i>Bla limitu</i>
		<i>Ħut tond</i>	<i>Bla limitu</i>
<i>Blåvands Ħuk sa Bovbjerg</i>	<i>Il-Belġju</i>	<i>Bakkaljaw</i>	<i>Bla limitu mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Lulju biss</i>
		<i>Merluzz tal-linja sewda</i>	<i>Bla limitu mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Lulju biss</i>
	<i>Il-Ġermanja</i>	<i>Pixxiċatt</i>	<i>Bla limitu</i>
	<i>In- Netherlands</i>	<i>Barbun tat- tbajja'</i>	<i>Bla limitu</i>
		<i>Lingwata komuni</i>	<i>Bla limitu</i>
<i>Thyborøn sa Hanstholm</i>	<i>Il-Belġju</i>	<i>Merlangu</i>	<i>Bla limitu mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Lulju biss</i>
		<i>Barbun tat- tbajja'</i>	<i>Bla limitu mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Lulju biss</i>

<i>Il-Ġermanja</i>	<i>Pixxiċatt</i>	<i>Bla limitu</i>
	<i>Laċċa kaħla</i>	<i>Bla limitu</i>
	<i>Bakkaljaw</i>	<i>Bla limitu</i>
	<i>Pollakkju iswed</i>	<i>Bla limitu</i>
	<i>Merluzz tal-linja sewda</i>	<i>Bla limitu</i>
	<i>Kavalli</i>	<i>Bla limitu</i>
	<i>Aringa</i>	<i>Bla limitu</i>
	<i>Merlangu</i>	<i>Bla limitu</i>
<i>In-Netherlands</i>	<i>Bakkaljaw</i>	<i>Bla limitu</i>
	<i>Barbun tat-tbajja'</i>	<i>Bla limitu</i>
	<i>Lingwata komuni</i>	<i>Bla limitu</i>
<i>Skagerrak</i>  <i>(Hanstholm sa Skagen) (minn 4 sa 12-il mil nawtiku)</i>	<i>Il-Belġju</i>	<i>Barbun tat-tbajja'</i>  <i>Bla limitu mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Lulju biss</i>
<i>Il-Ġermanja</i>	<i>Pixxiċatt</i>	<i>Bla limitu</i>
	<i>Laċċa kaħla</i>	<i>Bla limitu</i>
	<i>Bakkaljaw</i>	<i>Bla limitu</i>
	<i>Pollakkju iswed</i>	<i>Bla limitu</i>
	<i>Merluzz tal-linja sewda</i>	<i>Bla limitu</i>
	<i>Kavalli</i>	<i>Bla limitu</i>
	<i>Aringa</i>	<i>Bla limitu</i>
	<i>Merlangu</i>	<i>Bla limitu</i>
<i>In-Netherlands</i>	<i>Bakkaljaw</i>	<i>Bla limitu</i>
	<i>Barbun tat-tbajja'</i>	<i>Bla limitu</i>
	<i>Lingwata komuni</i>	<i>Bla limitu</i>

<i>Kattegat (minn 3 sa 12-il mil)</i>	<i>Il- Ġermanja</i>	<i>Bakkaljaw</i>	<i>Bla limitu</i>
		<i>Pixxiċatt</i>	<i>Bla limitu</i>
		<i>Skampi</i>	<i>Bla limitu</i>
		<i>Aringa</i>	<i>Bla limitu</i>
<i>Tramuntana ta' Zeeland sal-parallel tal-latitudni li tgħaddi minn ġol-fanal ta' Forsnæs</i>	<i>Il- Ġermanja</i>	<i>Laċċa kaħla</i>	<i>Bla limitu</i>
<i>Il-Baħar Baltiku (inklużi Belts, Sound, Bornholm) (minn 3 sa 12-il mil nawtiku)</i>	<i>Il- Ġermanja</i>	<i>Pixxiċatt</i>	<i>Bla limitu</i>
		<i>Bakkaljaw</i>	<i>Bla limitu</i>
		<i>Aringa</i>	<i>Bla limitu</i>
		<i>Laċċa kaħla</i>	<i>Bla limitu</i>
		<i>Sallura</i>	<i>Bla limitu</i>
		<i>Salamun</i>	<i>Bla limitu</i>
		<i>Merlangu</i>	<i>Bla limitu</i>
<i>Skagerrak (minn 4 sa 12-il mil)</i>	<i>L-Iżvezja</i>	<i>L-ispeċijiet kollha</i>	<i>Bla limitu</i>
<i>Kattegat (minn 3 sa 12-il mil)<sup>1</sup></i>	<i>L-Iżvezja</i>	<i>L-ispeċijiet kollha</i>	<i>Bla limitu</i>
<i>Il-Baħar Baltiku (minn 3 sa 12-il mil)</i>	<i>L-Iżvezja</i>	<i>L-ispeċijiet kollha</i>	<i>Bla limitu</i>

<sup>1</sup> *Imkejla mil-linja tal-kosta.*

4. *L-il mijiet kostali tal-Ġermanja*

<i>Żona ġeografika</i>	<i>Stat Membru</i>	<i>Speċijiet</i>	<i>Importanza jew karatteristiki partikolari</i>
<i>Il-kosta tal-Baħar tat-Tramuntana (minn 3 sa 12-il mil nawtiku) il- kosta kollha</i>	<i>Id- Danimarka</i>	<i>Sajd tal-qiegħ</i>	<i>Bla limitu</i>
		<i>Laċċa kaħla</i>	<i>Bla limitu</i>
		<i>Ċiċċirell</i>	<i>Bla limitu</i>
	<i>In- Netherlands</i>	<i>Sajd tal-qiegħ</i>	<i>Bla limitu</i>
		<i>Gambli u gambli kbar (prawns)</i>	<i>Bla limitu</i>
<i>Il-fruntiera Daniża/Ġermaniża sal- ponta tat-Tramuntana ta' Amrum fil-koordinati 54°43' N</i>	<i>Id- Danimarka</i>	<i>Gambli u gambli kbar (prawns)</i>	<i>Bla limitu</i>
<i>Il-kosta Baltika (minn 3 sa 12-il mil)</i>	<i>Id- Danimarka</i>	<i>Bakkaljaw</i>	<i>Bla limitu</i>
		<i>Barbun tat- tbajja'</i>	<i>Bla limitu</i>
		<i>Aringa</i>	<i>Bla limitu</i>
		<i>Laċċa kaħla</i>	<i>Bla limitu</i>
		<i>Sallura</i>	<i>Bla limitu</i>
		<i>Merlangu</i>	<i>Bla limitu</i>
		<i>Kavalli</i>	<i>Bla limitu</i>

5. *L-il mijiet kostali ta' Franza u d-dipartimenti extra-Ewropej*

<i>Żona ġeografika</i>	<i>Stat Membru</i>	<i>Speċijiet</i>	<i>Importanza jew karatteristiċi partikolari</i>
<i>Il-kosta tal-Grigal tal-Atlantiku (minn 6 sa 12-il mil nawtiku)</i>			
<i>Il-fruntiera Belġjana/Franċiża sal-Lvant ta' Departement Manche (l-estwarju ta' Vire-Grandcamp les Bains fil-koordinati 49° 23' 30" N-1° 2' WNNE)</i>	<i>Il-Belġju</i>	<i>Sajd tal-qiegħ</i>	<i>Bla limitu</i>
		<i>Arzelli</i>	<i>Bla limitu</i>
	<i>In-Netherlands</i>	<i>L-ispeċijiet kollha</i>	<i>Bla limitu</i>
<i>Dunkerque (2° 20' E) sa Cap d'Antifer (0° 10' E)</i>	<i>Il-Ġermanja</i>	<i>Aringa</i>	<i>Bla limitu mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru biss</i>

<i>Żona ġeografika</i>	<i>Stat Membru</i>	<i>Speċijiet</i>	<i>Importanza jew karatteristiċi partikolari</i>
<i>Il-kosta Atlantika (minn 6 sa 12-il mil nawtiku)</i>			
<i>Il-fruntiera Spanjola/Franċiża sa 46° 08' N</i>	<i>Spanja</i>	<i>Inċova</i>	<i>Sajd dirett, bla limitu mill-1 ta' Marzu sat-30 ta' Ġunju biss</i>
			<i>Sajd għal-lixka ħajja mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Ottubru biss</i>
	<i>Sardina</i>		<i>Bla limitu mill-1 ta' Jannar sat- 28 ta' Frar u mill-1 ta' Lulju sal- 31 ta' Diċembru biss</i>

			<i>Barra minn hekk, l-attivitajiet relatati mal-ispeċijiet hawn fuq imsemmija jridu jiġu segwiti skont l-attivitajiet imwettqa matul l-1984 u fil-limiti tagħhom</i>
<i>Kosta Mediterranja (minn 6 sa 12-il mil nawtiku)</i>			
<i>Il-fruntiera Spanjola Cap Leucate</i>	<i>Spanja</i>	<i>L-ispeċijiet kollha</i>	<i>Bla limitu</i>

6. *L-il mijiet kostali ta' Spanja*

<i>Żona ġeografika</i>	<i>Stat Membru</i>	<i>Speċijiet</i>	<i>Importanza jew karatteristiki partikolari</i>
<i>Il-kosta Atlantika (minn 6 sa 12-il mil nawtiku)</i>			
<i>Il-fruntiera Franċiża/Spanjola sal-fanal ta' Cap Mayor (3° 47' W)</i>	<i>Franza</i>	<i>Pelaġiċi</i>	<i>Bla limitu b'konformità mal-attivitàjet segwiti matul l- 1984 u fil-limiti tagħhom</i>
<i>Kosta Mediterranja (minn 6 sa 12-il mil nawtiku)</i>			
<i>Il-fruntiera Franċiża/Cap Creus</i>	<i>Franza</i>	<i>L-ispeċijiet kollha</i>	<i>Bla limitu</i>

7. *Ilmijiet tal-kosta tal-Kroazja*<sup>1</sup>

<i>Żona ġeografika</i>	<i>Stat Membru</i>	<i>Speċijiet</i>	<i>Importanza jew karatteristiċi partikolari</i>
<i>12-il mil limitati għaż-żona tal-baħar taħt is-sovranità tal-Kroazja li jinsabu n-naħħa tat-Tramuntana tal-latitudni parallela tat-Tramuntana tal-45 grad u 10 minuti tul il-kosta tal-Punent ta' Istria, mil-limitu ta' barra tal-baħar territorjali tal-Kroazja, fejn dan il-parallel imiss mal-art tal-kosta tal-Punent ta' Istria (il-kap Grgatov rt-Funtana)</i>	<i>Is-Slovenja</i>	<i>Speċijiet demersali u speċijiet pelaġiċi żgħar, fosthom is-sardina u l-inċova</i>	<i>100 tunnellata għal numru massimu ta' 25 bastiment tas-sajd li jinkludi 5 bastimenti tas-sajd mgħammra bi xbieki tat-tkarkir</i>

<sup>1</sup> *Ir-reġim imsemmi hawn fuq għandu japplika mill-implementazzjoni sħiħa tas-sentenza tal-arbitraġġ li tirriżulta mill-Ftehim ta' Arbitraġġ bejn il-Gvern tar-Repubblika tas-Slovenja u l-Gvern tar-Repubblika tal-Kroazja, iffirmsat fi Stokkolma fl-4 ta' Novembru 2009.*

8. *L-il mijiet kostali tan-Netherlands*

<i>Żona ġeografika</i>	<i>Stat Membru</i>	<i>Speċijiet</i>	<i>Importanza jew karatteristiċi partikolari</i>
<i>(minn 3 sa 12-il mil nawtiku) il-kosta kollha</i>	<i>Il-Belġju</i>	<i>L-ispeċijiet kollha</i>	<i>Bla limitu</i>
<i>(minn 3 sa 12-il mil nawtiku) il-kosta kollha</i>	<i>Id- Danimar ka</i>	<i>Sajd tal-qiegħ</i>	<i>Bla limitu</i>
		<i>Laċċa kaħla</i>	<i>Bla limitu</i>
		<i>Ċiċċirell</i>	<i>Bla limitu</i>
		<i>Sawrell</i>	<i>Bla limitu</i>
<i>(minn 6 sa 12-il mil nawtiku) il-kosta kollha</i>	<i>Il- Ġermanja</i>	<i>Bakkaljaw</i>	<i>Bla limitu</i>
		<i>Gambli u gambli kbar (prawns)</i>	<i>Bla limitu</i>
<i>(minn 6 sa 12-il mil nawtiku) il-kosta kollha</i>	<i>Franza</i>	<i>L-ispeċijiet kollha</i>	<i>Bla limitu</i>

**9. L-il mijiet kostali tas-Slovenja<sup>1</sup>**

<i>Żona ġeografika</i>	<i>Stat Membru</i>	<i>Speċijiet</i>	<i>Importanza jew karatteristiċi partikolari</i>
<i>12-il mil limitati għaż-żona tal-baħar taħt is-sovranità tas-Slovenja li jinsabu n-naħa tat-Tramuntana tal-latitudni parallelia tat-Tramuntana tal-45 grad u 10 minuti tul il-kosta tal-Punent ta' Istria, mil-limitu ta' barra tal-baħar territorjali tal-Kroazja, fejn dan il-parallel imiss mal-art tal-kosta tal-Punent ta' Istria (il-kap Grgatov rt-Funtana)</i>	<i>Il-Kroazja</i>	<i>Speċijiet demersali u speċijiet pelaġiċi żgħar, fosthom is-sardina u l-inċova</i>	<i>100 tunnellata għal numru massimu ta' 25 bastiment tas-sajd li jinkludi 5 bastimenti tas-sajd mgħammra bi xbieki tat-tkarkir</i>

<sup>1</sup> Ir-reġim imsemmi hawn fuq għandu japplika mill-implementazzjoni sħiħa tas-entenza tal-arbitraġġ li tirriżulta mill-Ftehim ta' Arbitraġġ bejn il-Gvern tar-epubblika tas-Slovenja u l-Gvern tar-Repubblika tal-Kroazja, iffirmsat fi Stokkolma fl-ta' Novembru 2009.

**10. L-il mijiet kostali tal-Finlandja**

<i>Żona ġeografika</i>	<i>Stat Membru</i>	<i>Speċijiet</i>	<i>Importanza jew karatteristiċi partikolari</i>
<i>Il-Baħar Baltiku (minn 4 sa 12-il mil)<sup>1</sup></i>	<i>L-Iżvejza</i>	<i>L-ispeċijiet kollha</i>	<i>Bla limitu</i>

<sup>1</sup> minn 3 sa 12-il mil madwar il-gżejjer Bogskär.

**11. L-il mijiet kostali tal-Iżvezja**

<b>Żona ġeografika</b>	<b>Stat Membru</b>	<b>Speċijiet</b>	<b>Importanza jew karatteristiki partikolari</b>
<b>Skagerrak (minn 4 sa 12-il mil nawtiku)</b>	<b>Id- Danimar ka</b>	<b>L-ispeċijiet kollha</b>	<b>Bla limitu</b>
<b>Kattegat (minn 3 sa 12-il mil)<sup>1</sup></b>	<b>Id- Danimar ka</b>	<b>L-ispeċijiet kollha</b>	<b>Bla limitu</b>
<b>Il-Baħar Baltiku (minn 4 sa 12-il mil)</b>	<b>Id- Danimar ka</b>	<b>L-ispeċijiet kollha</b>	<b>Bla limitu</b>
	<b>Il- Finlandja</b>	<b>L-ispeċijiet kollha</b>	<b>Bla limitu</b>

<sup>1</sup> Imkejla mil-linja tal-kosta.

12. *L-il mijiet kostali tal-Greċja*

<i>Żona ġeografika</i>	<i>Stat Membru</i>	<i>Speċijiet</i>	<i>Importanza jew karatteristiċi partikolari</i>
<i>Il-Baħar Jonju minn 6 sa 12-il mil nawtiku fl-il mijiet territorjali Griegi</i>	<i>L-Italja</i>	<i>Ċefalopodi Krustaċji</i>	<i>Għadd massimu ta' 68 bastiment</i>
<i>Fin-Nofsinhar ix-Xlokk tal-gżira ta' Kreta (fil-Lvant ta' 26°00'00" E) minn 6 sa 12-il mil nawtiku fizi-ŻEE tal- Greċja</i>		<i>Sajd tal-qiegħ Speċijiet pelaġiċi kbar</i>	
<i>Fin-Nofsinhar ix-Xlokk tal-gżira ta' Koufonisi minn 6 sa 12-il mil nawtiku fizi-ŻEE tal-Greċja</i>			
<i>Fin-Nofsinhar ix-Xlokk tal-gżira ta' Kasos minn 6 sa 12-il mil nawtiku fizi- ŻEE tal-Greċja</i>			
<i>Fin-Nofsinhar ix-Xlokk tal-gżira ta' Karpathos minn 6 sa 12-il mil nawtiku fizi-ŻEE tal-Greċja</i>			
<i>Fin-Nofsinhar ix-Xlokk (fil-Punent ta' 27°59'02.00" E) tal-gżira ta' Rodi minn 6 sa 12-il mil nawtiku fizi-ŻEE tal- Greċja.</i>			

## ANNESS GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

### Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni dwar is-sajd fil-Kanal Ingliż

Il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew jieħdu nota tas-sitwazzjoni tas-sajd fil-Kanal Ingliż u t-tħassib imqajjem mill-partijiet ikkonċernati tas-sajd lokali u reġjonali, inklużi s-sajjeda, rigward l-użu ta' tartaruni demersali minn bosta bastimenti.

Il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew jinkoraġġixxu kooperazzjoni mill-qrib bejn dawk il-partijiet ikkonċernati u l-inizjattivi minnhom u jistiednu lill-Istati Membri biex isegwu, fejn rilevanti, permezz tal-preżentazzjoni ta' rakkmandazzjonijiet konġunti. Il-Kummissjoni se ssegwi b'miżuri, fejn xieraq, inklużi miżuri tekniċi, abbażi ta' konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati u valutazzjoni mill-korpi xjentifiċi rilevanti inkluża valutazzjoni tal-impatti soċjoekonomiċi. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni se tiżgura li l-finanzjament ikun disponibbli għar-riċerka u l-pariri xjentifiċi."

## **Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rieżami tar-Regolament dwar il-PKS**

Fil-każ li l-Kummissjoni tikkunsidra rieżami tar-Regolament dwar il-PKS, hi se twettaq valutazzjoni tal-impatt, fuq il-linji tal-prinċipji tar-Regolamentazzjoni Aħjar. Il-Kummissjoni se tagħmel il-valutazzjoni tal-impatt disponibbli għall-koleġiżlaturi fil-mument li tippubblika din il-proposta.

Inkella, se tikkunsidra tistabbilixxi rapport dwar l-implementazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd sa mhux aktar tard mill-2032.

---